ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Citta' Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 53** **IT-TLIETA 5 TA' LULJU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011 fis-7.15 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Jeffery Camilleri, Bjorn Azzopardi, Thomas Harmsworth, Angelo Briffa, Jason Busuttil, Dennis Zammit, Margaret Mercieca u Ralph Puli.

Il-Kunsilliera Simon Vella Gregory kien skużat minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**53/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 52**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 52 li nżammet nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-Għaxar Kunsilliera (10) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 52 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**53/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**53/02/01** Is-Sindku nforma li s-servizz tal-Ambulanza introdott għal matul is-sibt u l-ħadd tal-festa, kien providenzjali għax kien użat lejliet il-festa ta' San

Ġorġ, meta kien hemm inċident li seta' kien fatali, fejn weġġgħu żewġ persuni li kienu qed jaħarqu n-nar.

**53/02/02** **Is-Sindku** fisser li qed tkun ippreparata x-*schedule* tal-applikazzjonijiet mressqa mill-Għaqdiet, wara s-sejħa li għamel il-Kunsill għall-organizzar tal-attivitajiet, sabiex wara l-festi l-Kunsill ikun jista' jikkonkludi l-ftehim mal-Għaqdiet kollha dwar l-attivitajiet li għandhom ikunu organizzati tul is-snin li ġejjin.

**Is-Sindku** ressaq ukoll il-lista ta' kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva għal xogħol fl-uffiċċju l-ġdid, u kien maqbul li l-orħos offerti jkunu aċċettati. (Kopja annessa)

**53/02/03** **Is-Sindku** nforma li b'referenza għall-applikazzjoni tal-Kunsill fil-GALXLOKK, għall-fondi taħt il-Miżura 313 għall-proġett "*From tal-Blat to tal-Ħlas Heritage Rural Trail*", il-Kunsill kien mitlub iressaq aktar dokumenti, skont l-ittra tat-22 ta' Ġunju 2011. **DOK 'A'**

Id-dokumenti mitluba kienu, kopja tal-I.D. card tal-*project leader*, kif ukoll *covering letter* minn entita' indipendenti dwar il-*financial statements*, flimkien ma' kopja tad-dokument tal-udituri tal-*Financial statements*.

Barraminnhekk il-Kunsill kien mitlub iressaq "*management / lease agreement from the lands department showing their consent to the proposed project"*. Din it-talba ġiet imressqa lill-*Government Property Department* li bil-korrispondenza tat-28 ta' Ġunju 2011, fejn talbu wkoll li d-dipartiment kien lest jidħol fl-*lease agreement* għal 15-il sena kemm-il darba l-Kunsill iressaq talba ghad-devoluzzjoni tas-siti imsemmija fl-applikazzjoni.

**Is-Sindku** għalhekk ippropona li:
"Billi l-Gvern stabbilixxa proċess ta' kif jgħaddi lill-Kunsilli Lokali l-amministrazzjoni ta' propjeta' pubblika;
Billi skond il-proċedura tad-devoluzzjoni l-Kunsill jinħtieġ li jagħmel l-applikazzjoni formali lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, għall-amministrazzjoni tal-proġett "From tal-Blat to tal-Ħlas Heritage Rural Trail" li jinkludu Triq il-Wied, Fuq tal-Blat, Triq il-Belt Valletta, Triq Ħat-Attard, Sqaq Awzara, Fuq il-Wied is-Sewda, Triq il-Wied, Triq tal-Ħlas, Qormi.
Nipproponi li l-Kunsill japprova li ssir l-applikazzjoni sabiex din il-propjeta' tgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali għal iżvilupp tal-proġett "From tal-Blat to tal-Ħlas Heritage Rural Trail" skont is-site-plan annessa."

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi ssekonda,** u l-Kunsill unanimament approva li titressaq lid-Dipartiment applikazzjoni għad-devoluzzjoni skont il-proġett "*From tal-Blat to tal-Ħlas Heritage Rural Trail*" li jinkludu Triq il-Wied, Fuq tal-Blat, Triq il-Belt Valletta, Triq Ħat-Attard, Sqaq Awzara, Fuq il-Wied is-Sewda, Triq il-Wied, Triq tal-Ħlas, Qormi.

**53/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju
**b)** *Bank Payments* Ġunju 2011
**c)** *Petty Cash* Ġunju 2011

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur** l-għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**53/04 MOZZJONI 125/2011 (V)**

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ippropona li l-Kunsill japprova x-xiri ta' tapit għall-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill matul is-sena.

"Nipproponi li l-Kunsill jixtri tapit sabiex jintrama waqt l-attivitajiet tal-Kunsill, bi spiża ta' madwar € 500. Hu maħsub li dan it-tapit jintuża fl-attivitajiet fil-lokalita' u għalhekk se jintuża l-ewwel darba waqt il-Festa Solenni ta' San Sebastjan, meta tiġi ppreżentata r-Relikwa Insinji tal-Kranju tal-Qaddis, li se tinġieb apposta mill-Vatikan, fl-okkażjoni tal-75 Sena Anniversarju tal-Parroċċa San Sebastjan."

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma' vvota kontra u ma' kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-Mozzjoni 125/2011.

**53/05 KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-istedina mill-Aġenzija Żgħażagħ sabiex nhar is-Sibt 9 ta' Lulju l-Kunsill jattendi fis-sala Aula Magna fi Triq San Pawl, il-Belt sabiex jassistu għat-tħabbira tat-tliet proġetti rebbieħa tal-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Iż-żgħażagħ huma kollha mistiedna u se jirċievu wkoll ċertifikat ta' parteċipazzjoni, filwaqt li se tkun imnedija t-tielet edizzjoni ta' dan il-proġett. **DOK 'C'**

Is-Sur Zammit spjega li kif kien irraporta fl-aħħar seduta, iż-żgħażagħ tal-Kunsill ta' Ħal Qormi ressqu proġett uniku, u jekk jirriżultaw rebbieħa se jkunu mitluba joħorġu jintroduċu ruħhom. Din il-ġurnata għalhekk għandha tingħata l-importanza li jistħoqqilha.

53/06 **Il-Kunsillier Jason Busuttil** talab li jkun skużat u ħareġ mis-seduta.

## 53/07 PROĠETT PILOTA - AKTAR IMPIEGI FIL-KUNSILLI LOKALI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITA'

**Is-Segretarju Eżekuttiv**, informa li b'referenza għall-Memo 58 bil-proġett pilota "Aktar impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-persuni b'diżabilita'", fejn intgħażlu ħames Kunsilli, il-Kunsill ġie nfurmat li għal raġunijiet partikolari kien hemm Kunsill li xtaq joħroġ minn dan il-proġett, u għalhekk bħala membru fir-Reġjun tan-Nofsinhar, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ġie mitlub jekk huwiex lest li jidħol għal dan il-proġett. Jekk il-Kunsill jaċċetta, sad-data tal-egħluq il-Kunsill irid jgħaddi l-informazzjoni kollha sad-29 ta' Lulju. **DOK 'D'**

**Is-Sindku** stqarr li din hija opportunita' sabiex il-Kunsill ipoġġi fil-prattika dak li dejjem ħadem għalih fil-qasam tal-persuni b'diżabilita' u għalhekk stieden lill-Kunsill sabiex din l-opportunita' ma jitlifhiex u jaqbel li jidħol għal dan il-proġett ta' "Aktar impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-persuni b'diżabilita' ".

**Is-Sindku** spjega li dawn il-ħames Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex:
- jidentifikaw xogħol fil-lokalita' tagħhom li huma jistgħu jagħtu lil persuna b'diżabilita', skont l-abilitajiet tagħha;
- jidentifikaw persuna b'diżabilita' li tista' tagħmel dan ix-xogħol; u/jew jitkellmu mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) biex jgħaddulhom informazzjoni dwar persuni bi bżonnijiet speċjali li qed ifittxu mpieg u li jistgħu jiġu impjegati fil-Kunsill Lokali.

Il-persuni magħżula għandhom jaqgħu taħt dawn il-kriterji:
- ikollhom nuqqas fiżiku, sensorjali jew mentali
- ikunu bejn it-18 u 55 sena
- ikollhom rieda ċara li jridu jaħdmu

**Is-Sindku** kompla jispjega li hu maħsub li dawn il-persuna jingħataw ħlas ekwivalenti għall-paga minima nazzjonali li ser titħallas parti minnha mill-benefiċċju soċjali tad-diżabilita' u parti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. U l-Kunsilli Lokali magħżula jridu jassiguraw li dawn il-persuni jingħataw ix-xogħol adekwat għalihom u li jitħaddmu fuq bażi *part-time* ta' madwar erba' siegħat kuljum, għall-perjodu ta' mhux anqas minn sena. U din l-informazzjoni mitluba għandha tasal sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2011.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** stqarret li l-Kunsill għandu jidħol għal dan il-proġett u jħaddem fil-prattika dak kollu li sar tul is-snin fil-qasam tal-persuni b'diżabilita' u uriet il-fehma li s-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill ikunu parteċipi f'dan il-proġett u għalhekk stiednet lill-Kunsill sabiex jidentifika f'liema qasam għandha titħaddem persuna fil-Kunsill, sabiex tingħata r-risposta lid-Dipartiment. Kien suġġeriet li x-xogħol ikun marbut ma' *phone receptionist* u għajnuna fil-filing fl-uffiċċju. Il-Kunsilliera Margaret Mercieca nnutat li setgħet tidentifika persuna b'diżabilita' ta' edukazzjoni sekondarja li tista' tagħmel dan ix-xogħol, u kienet mitluba sabiex tikkuntattjaha u tressaq CV.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni li l-Kunsill ta' Ħal Qormi jipparteċipa f'dan il-proġett "Aktar impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-persuni b'diżabilita'".

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat.
**Il-Kunsill unanimament approva** li jipparteċipa f'dan il-proġett "Aktar impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-persuni b'diżabilita'".

Is-Segretarju Eżekuttiv kien mitlub jibgħat risposta fl-affermattiv għal din l-istedina.

## 53/08 KORRISPONDENZA MINGĦAND DR. CARMEL BRINCAT - DWAR PROBLEMI TA' GĦARGĦAR

**Is-Sindku** ssospenda s-seduta u talab lit-tabib Carmel Brincat sabiex jersaq ħalli tkun diskussa l-korrispondenza tiegħu.

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza mingħand it-tabib Brincat: "Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-għargħar f'Ħal Qormi fil-parti ta' De La Cruz Avenue Qormi. Meta saret ir-*roundabout* u l-Arkata ta' fejn l-Erba' Qaddisin bħala parti mill-iStorm Water Project, l-Arkata ta' Triq Manuel Dimech, fejn il-PAVI għolliet b`madwar 3-4 filati, bil-konsegwenza li parti t'isfel ta' Vjal De La Cruz u d-djar ġew fil-fond, għaliex il-ħajt tar-*roundabout* inbena aktar għoli minn qabel. L-ilma, meta jew jekk ifuril-wied, jista' jogħla biss l'fuq lejn Triq is-Sienja u Triq Spiteri Fremond u mhux aktar ifur, jaqbeż ir-roundabout u jimxi lejn il-korsa tal-Marsa kif kien isir fl-antik. Nitlob li r-*roundabout* ta' fejn l-Erba' Qaddisin terġa' titbaxxa għal-livel li kienet qabel, biex il-*flood water* f'De la Cruz Avenue ma jkunx jista' jogħla aktar mill-front doors tad-djar. Qabel ma saret l-arkata ta` Triq Manuel Dimech hekk kien isir. Nitlobkom li l-Kunsill jieħu nteress dwar ir-residenti ta' De la Cruz Avenue u Freemond Street madwar id-Drug Shop." **DOK 'E'**

It-Tabib Brincat espona l-proposti tiegħu kif insemmi fil-korrispondenza u talab lill-Kunsill sabiex il-Kunsill f'isem ir-residenti ta' De La Cruz u ta' Triq Spiteri Fremond jintevjeni mal-MEPA u ma' Transport Malta u mal-

Ministeru MRRA sabiex r-roundabout ta' fejn l-Erba' Qaddisin terġa' titbaxxa għal-livel li kienet qabel, biex l-ilmijiet tal-għargħar f'De la Cruz Avenue u fi Triq Spiteri Fremond ma jkunux jistgħu jogħlew aktar mill-front doors tad-djar.

**It-Tabib Brincat** ilmenta wkoll mill-ħmieġ u l-iskart li hemm f'għalqa mitluqa fi Vjal De La Cruz kantuniera ma' Triq is-Sienja. Jidher li din l-għalqa illum mhix tinħadem u l-Kunsill kien mitlub sabiex jerġa' jibda jieħu ħsiebha.

**Is-Segretrju Eżekuttiv** fisser li dik l-art hija responsabbilta' tad-Dipartiment tal-Artijiet u kienet ingħatat b'kirja lil terzi, u għalhekk kien se jerġa' jinforma lid-Dipartiment bit-telqa u l-ħmieġ li tinsab fiha din l-għalqa.

**Is-Sindku** ppropona, u sar qbil, sabiex issir laqgħa mal-Perit sabiex din il-proposta tkun ivvalutata u miktuba sew sabiex tintalab laqgħa mal-Awtoritajiet u titressaq din it-talba tar-residenti.

## 53/09 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'F1-8'**

a) Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill kien infurmat li se jingħata għajnuna għal-librerija Reġjonali u Lokali għal xiri ta' aktar kotba.
b) MEPA – Kompetizzjoni għat-tfal – Pinġi l-Maskot tal-Bijodiversita' għal-Lokalita' tiegħek.
c) Ħlasijiet pendenti lill-Wasteserv Malta. Tressqet korrispondenza fuq is-suġġett mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn għal darb'oħra kien irrepetut li l-Kunsill għandu struzzjonijiet sabiex iħallas lil WasteServ l-ammont ta' fondi li ġie allokat lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali.
d) Kors b'xejn lill-bdiewa fuq il-frott u ħxejjex. Talba sabiex jittella' kors lill-bdiewa fuq il-frott u ħxejjex ta' 40 siegħa mill-MOAM. Il-Kunsill qabel li jingħata dan l-ispazju għall-użu tas-sala għal dan il-kors.
e) Telqa kbira fl-*Industrial Estate* tal-Ħandaq. Korrispondenza dwar ħmieġ u telqa li tinsab fiha ż-żona industrijali tal-Ħandaq. Il-Kunsill mhux lest jibqa' jittollera dan in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Malta Industrial Parks li huma responsabbli minn din iż-żona.
f) Mirror/Yellow Box fi Triq San Edwardu – il-Kunsill qabel li din it-talba titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.
g) Flat Roundabout fi Triq il-Ħelsien/Ħammieri.
h) Stħarriġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali.

**53/10** ***PLAYGROUNDS FIRST INSPECTION REPORT***

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapporti dwar l-ewwel spezzjonijiet li saru fil-playgrounds ta' Ħal Qormi mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority. DOK 'F1-6'

**Is-Segretarju Eżekuttiv** talab sabiex il-Kunsill jivvaluta sew dawn ir-rapporti sabiex dawn il-konklużjonijiet f'dawn ir-rapporti jkunu mill-aktar fis poġġuti fil-prattika, sabiex jitneħħa kull periklu li kien identifikat fir-rapporti.

**53/11/1** **Is-Sindku rrefera** li kien irċieva diversi talbiet sabiex l-erba' skips li tpoġġew fis-central strip ta' Triq Dun Marju, jitneħħew. Huwa ppropona li dawn jitpoġġew fid-dawra ta' Triq Pinto.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** kien se jressaq ritratti tal-area proposta sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar sabiex jiddeċiedi.

**53/11/2** **Is-Sindku informa** li tressqu wkoll talbiet sabiex il-Bring-in Site li hemm fi Triq Ġuże Duca tkun imneħħija u titpoġġa aktar 'l fuq fl-istess triq.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** fisser li din id-deċiżjoni trid titressaq lill-Wasteserv u għalhekk kien se jressaq ritratti tal-area proposta sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar sabiex jiddeċiedi.

**53/12** **Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri** staqsa f'hiex kien wasal ix-xogħol fuq il-bdil tal-culvert fi Triq il-Kbira k/m Triq Santa Katerina, kif kien maqbul li jsir ma' l-istess residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv fisser li dan ix-xogħol kien ippjanat li jsir tul Lulju/ Awwissu.

**53/13** **Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** ġibed l-attenzjoni għal-xogħol ta' tiswija fuq il-gandott li hemm fi Pjazza Mons. PP Psaila. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ix-xogħol kien jifforma parti mix-xogħol li se jsir fil-Housing Area ta' De La Cruz.

**53/14** **Il-Kunsillier Thomas Harsworth** ilmenta li qed ikun hemm van aħdar kbir ipparkjat fil-kantuniera tar-roundabout bil-Palma fi Triq il-Vitorja, ftit 'l-isfel mill-Health Centre. Dan il-van qed ikun ta' periklu għas-sewwieqa li jkunu neżlin minn Triq il-Vitorja għaliex ma jarawx min ikun ġej għal fuq ir-roundabout, u qed iseħħu diversi ħabtiet. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ir-rapport se jerġa' jitressaq għall-attenzjoni tal-pulizija għall-azzjoni. Issuġġerixxa wkoll li jkellem lill-perit jekk tistax tinbena l-bankina sabiex ħadd ma jkun jista' jipparkja.

53/15 **Il-Kunsillier Thomas Harsworth** ilmenta wkoll li l-istess qed iseħħ fi Triq San Edwardu kantuniera ma' Triq il-Ġdida, fejn għalkemm hemm miżbugħ id-double yellow lines, xorta qed isir parking mal-kantuniera, fejn wieħed ma jarax min ikun tiela minn Triq San Edwardu. Huwa talab sabiex jittieħdu passi kontra dawn l-abbużi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ir-rapport se jerġa' jitressaq għall-attenzjoni tal-pulizija għall-azzjoni. Issuġġerixxa wkoll li jkellem lill-perit jekk tistax tinbena l-bankina sabiex ħadd ma jkun jista' jipparkja.

53/16 **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:35 ta' fil-għaxija.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)